BANK ĊENTRALI EWROPEW

SUPERVIŻJONI BANKARJA

**ECB-PUBLIC**

**DANIÈLE NOUY**

President tal-Bord Superviżorju

Frankfurt am Main, 13 ta' Diċembru 2016

**Politika dwar remunerazzjoni varjabbli**

Lil: Il-maniġment ta' banek sinifikanti

Il-BĊE iħares mill-qrib lejn il-politiki ta' dividendi u ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji taħt is-superviżjoni tiegħu, u b'mod partikolari lejn kwalunkwe impatt li dawk il-politiki jista' jkollhom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda minn istituzzjoni. Bħal fil-każ tal-politiki dwar id-distribuzzjoni tad-dividendi – ara r-Rakkomandazzjoni BĊE/2016/44[1] – il-politika ta' istituzzjoni dwar ir-remunerazzjoni varjabbli jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-bażi kapitali tagħha.

Nisħqu dwar il-ħtieġa li tiġi adottata pożizzjoni prudenti li tħares 'il quddiem meta tittieħed deċiżjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom. Inħeġġukom li tikkunsidraw kif meħtieġ l-impatt potenzjalment detrimentali tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda, b'mod speċjali billi jitqiesu r-rekwiżiti tranżitorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE[2] (CRD IV). Għaldaqstant, meta tingħata remunerazzjoni varjabbli, inkluż l-użu ta' arranġamenti malus u clawback, taħt il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom, nirrakkomandaw li tapplikaw politika li tkun konsistenti ma' direzzjoni konservattiva – ta' mill-inqas, lineari – lejn ir-rekwiżiti kapitali totalment mgħobbija tagħkom (inklużi rekwiżiti ta' bafer ikkombinat) u mal-eżiti tal-iSREP. Jekk kollox jibqa' l-istess, id-domanda kapitali[3] li tirriżulta mill-iSREP tal-2016 hija mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli.

Jekk jogħġobkom żommu lit-Tim Superviżorju Konġunt infurmat regolarment dwar kwalunlwe deċiżjoni li tirrigwarda l-politika ta' remunerazzjoni tagħkom.

Dejjem tiegħek,

[iffirmata]
Danièle Nouy

---

1 Rakkomandazzjoni BĊE/2016/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politiki għad-distribuzzjoni tad-dividendi (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

3 Id-domanda kapitali hija komposta minn rekwiżiti tal-Pilastru 1, rekwiżiti tal-Pilastru 2, il-bafer ta' konservazzjoni tal-kapital u l-gwida tal-Pilastru 2. Irrispettivament mill-introduzzjoni f'fażijiet tal-bafer ta' konservazzjoni tal-kapital, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jistennew ukoll li fil-futur ikollhom gwida pożittiva taħt il-Pilastru 2.

Bank Ċentrali Ewropew
60640 Frankfurt am Main
Germany

Tel.: +49 69 1344 0
Faks: +49 69 1344 6000
Imejl: info@ecb.europa.eu
Websajt: www.bankingsupervision.europa.eu